# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru 328/15 FDP**

**Kalkara Marina Co. Limited**
**( C 49452 )**

**vs**

**Glenn Scott**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikorsipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Ottubru 2015 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hdax-il elf, erbgha mija u sitta u sittin Euro (€11,466) rapprezentanti bilanc dovut fuq *berthing fees*, spejjez u servizzi ohra debitament prestati lilek, kkoncernanti l-bastiment tad-ditta Azimut, bl-isem 'Nauti Knights', registrazzjoni IZ-2152 li ttajjar bandiera Slovena, liema somma inti bqajt ma hallastx minkejja diversi interpellanzi.

Bl-ispejjez kif deskritti fl-avviz, inkluz tal-Mandat ta' Arrest tal-Bastiment ipprezentat kontestwalment mar-rikors u bl-imghax legali mid-data tal-hlas sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fl-indirizz tieghu gewwa 32, 'Sen Larke', Triq Tal-Meilah, Madliena fil 5 ta' Novembru 2015.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2015, l-attur ipprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 15).

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar, 2016, il-konvenut, imsejjha diversi drabi, baqa ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ra illi l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf, erbgha mija u sitta u sittin Euro (€11,466) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**